

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1089**tas-6 ta' Lulju 2015**

li jistabbilixxi l-livelli massimi tal-baġit għall-2015 applikabbli għal ċerti skemi diretti ta' appoġġ previsti fir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jistipulaw is-sehem speċjali għat-tneħħija tal-mini fil-Kroazja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikoli 20(3), 22(1), 36(4), 42(2), 47(3), 49(2), 51(4) and 53(7) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-Kroazja innotifikat lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar 2015 bl-oqsma identifikati f'konformità mal-Artikolu 57a(10) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 ⁽²⁾, li kienu ngħataw lura għall-użu agrikolu, fis-sena kalendarja 2014. Dik in-notifika inkludiet ukoll l-għadd ta' intitolamenti għal pagament disponibbli għall-bdiewa fil-31 ta' Diċembru 2014 kif ukoll l-ammont li baqa' ma ntefaqx friżerva speċjali għat-tneħħija tal-mini f'dik id-data.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-Kummissjoni kkalkulat sussegwentement l-ammonti li għandhom jiżiedu għas-snin kalendarji 2015 'il quddiem mal-ammonti tal-limiti massimi nazzjonali stabbiliti fl-Anness II ta' dak ir-Regolament, għall-finanzjament tal-appoġġ li għandu jingħata għal artijiet li jitnehhewhom il-mini skont l-iskemi elenkati fl-Anness I ta' dak ir-Regolament. Din iż-żieda, li żdiedet bir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/851 ⁽³⁾ mal-limitu massimu nazzjonali tal-Kroazja stabbilit fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huwa ta' 700 000 EUR fl-2015.
- (3) Skont l-Artikolu 20(3) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi s-sehem li għandu jiġi applikat għal din iż-żieda, bl-iskop li tinkludi l-ammont li jirriżulta friżerva speċjali għat-tneħħija tal-mini għal skopijiet ta' allokkazzjoni ta' intitolamenti għal pagament għal artijiet li jitnehhewhom il-mini. Dak is-sehem għandu jiġi kkalkulat abbażi tal-proporzjon bejn il-livell massimu tal-iskema ta' pagament bażiku għall-2015 u l-limitu massimu nazzjonali għal dik is-sena stipulata fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 u mingħajr ma titqies iż-żieda miżjuda bir-Regolament ta' Delega (UE) 2015/851.
- (4) Għal kull Stat Membru li jimplimenta l-iskema ta' pagament bażiku stipulata fil-Kapitolu 1 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-limitu massimu nazzjonali annwali msemmi fl-Artikolu 22(1) ta' dak ir-Regolament għall-2015 għandu jiġi ffixsat mill-Kummissjoni billi jitnaqqsu mil-limitu massimu nazzjonali annwali stabbilit fl-Anness II ta' dak ir-Regolament l-ammonti massimi ffixsati skont l-Artikoli 42, 47, 49, 51 u 53 ta' dak ir-Regolament. Skont l-Artikolu 22(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 kwalunkwe żidiet applikati mill-Istati Membri skont din id-dispożizzjoni għandhom jiġu kkunsidrati.
- (5) Għal kull Stat Membru li jimplimenta l-skema ta' pagament uniku skont l-erja prevista fil-Kapitolu 1 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-limitu massimu nazzjonali annwali msemmi fl-Artikolu 36(4) ta' dak ir-Regolament għall-2015 għandu jiġi ffixsat mill-Kummissjoni billi jitnaqqas mil-limitu massimu nazzjonali annwali stabbilit fl-Anness II ta' dak ir-Regolament il-limiti massimi ffixsati skont l-Artikoli 42, 47, 49, 51 u 53 ta' dak ir-Regolament.
- (6) Għal kull Stat Membru li jagħti l-pagament ridistributtiv previst fil-Kapitolu 2 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-limitu massimu nazzjonali annwali msemmi fl-Artikolu 42(2) ta' dak ir-Regolament għas-sena 2015 għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-perċentwal notifikat minn dawk l-Istati Membri skont l-Artikolu 42(1) ta' dak ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16).

⁽³⁾ Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/851 tas-27 ta' Marzu 2015 li jemenda l-Annessi II, III u VI tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni (ĠU L 135, 2.6.2015, p. 8).

- (7) Fir-rigward tal-pagament għal prattiki agrikoli li huma ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent previst fil-Kapitolu 3 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 fl-2015, il-limiti massimi nazzjonali annwali msemmija fl-Artikolu 47(3) ta' dak ir-Regolament għall-2015 għandhom jiġu kkalkulati skont l-Artikolu 47(1) ta' dak ir-Regolament u jammontaw għal 30 % tal-limitu massimu nazzjonali tal-Istat Membru rilevanti kif stabbilit fl-Anness II ta' dak ir-Regolament.
- (8) Għal Stati Membri li jagħtu l-pagament għal żoni b'restrizzjonijiet naturali previst fil-Kapitolu 4 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-limiti massimi nazzjonali annwali msemmija fl-Artikolu 49(2) ta' dak ir-Regolament għall-2015 għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-perċentwal notifikat mill-Istati Membri rilevanti skont l-Artikolu 49(1) ta' dak ir-Regolament.
- (9) Fir-rigward tal-pagament għall-bdiewa żgħażaġh, previst fil-Kapitolu 5 tat-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, il-limiti massimi nazzjonali annwali msemmija fl-Artikolu 51(4) ta' dak ir-Regolament għall-2015 għandhom jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-perċentwal notifikat mill-Istati Membri skont l-Artikolu 51(1) ta' dak ir-Regolament u abbażi ta' massimu ta' 2 % stabbilit f'din l-istess dispożizzjoni.
- (10) Meta l-ammont total tal-pagament għall-bdiewa żgħażaġh applikat fl-2015 fi Stat Membru jaqbeż il-limitu massimu stabbilit skont l-Artikolu 51(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 għal dak l-Istat Membru, id-differenza għandha tiġi ffinanzjata mill-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 51(2) ta' dak ir-Regolament filwaqt li jiġi rrispettat l-ammont massimu stabbilit fl-Artikolu 51(1) ta' dak ir-Regolament. Għal raġunijiet ta' ċarezza, huwa xieraq li jiġi stabbilit dan l-ammont massimu għal kull Stat Membru.
- (11) Għal kull Stat Membru li jagħti l-appoġġ akkoppjat volontarju previst fil-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 fl-2015, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-limitu massimu nazzjonali annwali msemmi fl-Artikolu 53(7) ta' dak ir-Regolament għall-2015 fuq il-bażi tal-perċentwal notifikat mill-Istat Membru rilevanti skont l-Artikolu 54(1) ta' dak ir-Regolament.
- (12) Fir-rigward tas-sena 2015, l-implimentazzjoni ta' skemi diretti ta' appoġġ previsti fir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 bdew fl-1 ta' Jannar 2015. Għal raġunijiet ta' konsistenza bejn l-applikabbiltà ta' dak ir-Regolament għas-sena tat-talba 2015 u l-applikabbiltà ta' limiti massimi baġitarji korrispondenti, dan ir-Regolament għandu japplika mill-istess data.
- (13) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Pagamenti Diretti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-sehem imsemmi fl-Artikolu 20(3) tar-Regolament (KE) Nru 1307/2013 ikun sabbilit għal 43,3496 % għas-sena 2015. Skont dan, l-ammont li għandu jiġi inkluż fir-riżerva speċjali nazzjonali għat-tneħħija tal-mini tal-Kroazja sabiex jiġu allokati drittijiet ta' pagamenti għaż-żoni msemmija fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 għandu jkun ta' EUR 303 447.

Artikolu 2

1. Il-limiti massimi nazzjonali annwali għall-2015 għall-iskema ta' pagament bażiku msemmi fl-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt I tal-Anness ta' dan ir-Regolament.
2. Il-limiti massimi nazzjonali annwali għall-2015 applikabbli għall-iskema ta' pagament uniku skont l-erja msemmi fl-Artikolu 36(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt II tal-Anness ta' dan ir-Regolament.
3. Il-limiti massimi nazzjonali annwali għall-2015 għall-pagament ridistributtiv imsemmi fl-Artikolu 42(2) tar-Regolament(UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt III tal-Anness ta' dan ir-Regolament.
4. Il-limiti massimi nazzjonali annwali għall-2015 għall-pagamenti ta' prattiki agrikoli ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent imsemmija fl-Artikolu 47(3) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt IV tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

5. Il-limiti massimi nazzjonali annwali għall-2015 għall-pagament għal żoni b'restrizzjonijiet naturali msemmi fl-Artikolu 49(2) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt V tal-Anness ta' dan ir-Regolament.
6. Il-limiti massimi nazzjonali annwali għall-2015 għall-pagament għall-bdiewa żgħażaġh imsemmija fl-Artikolu 51(4) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt VI tal-Anness għal dan ir-Regolament.
7. L-ammonti massimi għall-2015 għall-pagament għall-bdiewa żgħażaġh imsemmi fl-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt VII tal-Anness ta' dan ir-Regolament.
8. Il-limiti massimi nazzjonali annwali għall-2015 għall-appoġġ akkoppjat volontarju msemmi fl-Artikolu 53(7) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huma stabbiliti fil-punt VII tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2015.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Lulju 2015.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNKER

ANNEX

I. IL-LIVELLI MASSIMI TAL-BAĠIT GĦALL-ISKEMA TA' PAGAMENT BAŻIKU IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 22(1) TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 1307/2013

(f'eluf ta' EUR)

Sena kalendarja	2015
Il-Belġju	231 512
Id-Danimarka	565 119
Il-Ġermanja	3 063 113
L-Irlanda	828 305
Il-Greċja	1 205 698
Spanja	2 809 785
Franza	3 577 319
Il-Kroazja	79 648
L-Italja	2 345 126
Il-Lussemburgu	22 859
Malta	648
In-Netherlands	521 770
L-Awstrija	471 284
Il-Portugall	279 102
Is-Slovenja	74 803
Il-Finlandja	267 423
L-Iżvezja	383 289
Ir-Renju Unit	2 114 466

II. IL-LIVELLI MASSIMI TAL-BAĠIT GĦALL-ISKEMA TA' PAGAMENT UNIKU SKONT L-ERJA IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 36(4) TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 1307/2013

(f'eluf ta' EUR)

Sena kalendarja	2015
Il-Bulgarija	305 708
Ir-Repubblika Ċeka	462 980
L-Estonja	75 485
Ċipru	31 041
Il-Latvja	96 858
Il-Litwanja	159 842

(f'eluf ta' EUR)

Sena kalendarja	2015
L-Ungerija	737 469
Il-Polonja	1 544 022
Ir-Rumanija	721 556
Is-Slovakkja	247 436

III. IL-LIVELLI MASSIMI TAL-BAGĦT GĦALL-PAGAMENT RIDISTRIBUTTIV IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 42(2) TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 1307/2013

(f'eluf ta' EUR)

Sena kalendarja	2015
Il-Belġju	48 911
Il-Bulgarija	55 917
Il-Ġermanja	343 894
Franza	365 837
Il-Kroazja	18 374
Il-Litwanja	62 684
Il-Polonja	280 424
Ir-Rumanija	92 345

IV. IL-LIVELLI MASSIMI TAL-BAGĦT GĦALL-PAGAMENTI GĦAL PRATTIKI AGRIKOLI TA' BENEFIĊĊJU GĦALL-KLIMA U L-AMBJENT KIF IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 47(3) TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 1307/2013

(f'eluf ta' EUR)

Sena kalendarja	2015
Il-Belġju	157 097
Il-Bulgarija	237 273
Ir-Repubblika Ċeka	253 456
Id-Danimarka	261 225
Il-Ġermanja	1 473 832
L-Estonja	34 313
L-Irlanda	364 501
Il-Greċja	576 590
Spanja	1 452 797
Franza	2 190 642
Il-Kroazja	55 121
L-Italja	1 170 612

(f'eluf ta' EUR)

Sena kalendarja	2015
Ċipru	15 235
Il-Latvja	54 313
Il-Litwanja	125 367
Il-Lussemburgu	10 081
L-Ungerija	403 724
Malta	1 572
In-Netherlands	224 795
L-Awstrija	207 920
Il-Polonja	1 013 581
Il-Portugall	169 745
Ir-Rumanija	535 028
Is-Slovenja	41 396
Is-Slovakkja	131 490
Il-Finlandja	157 000
L-Iżvezja	209 067
Ir-Renju Unit	951 997

V. IL-LIVELLI MASSIMI TAL-BAĠIT GĦALL-PAGAMENT GĦAL ŻONI B'RESTRIZZJONIJIET NATURALI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 49(2) TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 1307/2013

(f'eluf ta' EUR)

Sena kalendarja	2015
Id-Danimarka	2 857

VI. IL-LIVELLI MASSIMI TAL-BAĠIT GĦALL-PAGAMENT GĦAL BDIEWA ŻGĦAŻAGĦ IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 51(4) TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 1307/2013

(f'eluf ta' EUR)

Sena kalendarja	2015
Il-Belġju	9 898
Il-Bulgarija	3 717
Ir-Repubblika Ċeka	1 690
Id-Danimarka	17 415
Il-Ġermanja	49 128
L-Estonja	343
L-Irlanda	24 300

(f'eluf ta' EUR)

Sena kalendarja	2015
Il-Greċja	38 439
Spanja	96 853
Franza	73 021
Il-Kroazja	3 675
L-Italja	39 020
Ċipru	508
Il-Latvja	2 716
Il-Litwanja	7 313
Il-Lussemburgu	504
L-Ungerija	2 691
Malta	21
In-Netherlands	14 986
L-Awstrija	13 861
Il-Polonja	33 786
Il-Portugall	11 316
Ir-Rumanija	32 000
Is-Slovenja	1 380
Is-Slovakkja	2 403
Il-Finlandja	5 233
L-Iżvezja	13 938
Ir-Renju Unit	54 261

VII. AMMONTI MASSIMI GĦALL-PAGAMENT GĦAL BDIEWA ŻGĦAŻAGĦ IMSEMMI FL-ARTIKOLU 51(1) TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 1307/2013

(f'eluf ta' EUR)

Sena kalendarja	2015
Il-Belġju	10 473
Il-Bulgarija	15 818
Ir-Repubblika Ċeka	16 897
Id-Danimarka	17 415
Il-Ġermanja	98 255
L-Estonja	2 288

(f'eluf ta' EUR)

Sena kalendarja	2015
L-Irlanda	24 300
Il-Greċja	38 439
Spanja	96 853
Franza	146 043
Il-Kroazja	3 675
L-Italja	78 041
Ċipru	1 016
Il-Latvja	3 621
Il-Litwanja	8 358
Il-Lussemburgu	672
L-Ungerija	26 915
Malta	105
In-Netherlands	14 986
L-Awstrija	13 861
Il-Polonja	67 572
Il-Portugall	11 316
Ir-Rumanija	35 669
Is-Slovenja	2 760
Is-Slovakkja	8 766
Il-Finlandja	10 467
L-Iżvezja	13 938
Ir-Renju Unit	63 466

VIII. IL-LIVELLI MASSIMI TAL-BAĠIT GĦALL-APPOĠĠ AKKOPJAT VOLONTARJU MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 53(7) TAR-REGOLAMENT (UE) Nru 1307/2013

(f'eluf ta' EUR)

Sena kalendarja	2015
Il-Belġju	87 237
Il-Bulgarija	118 636
Ir-Repubblika Ċeka	126 728
Id-Danimarka	24 135
L-Estonja	4 237

(f'eluf ta' EUR)

Sena kalendarja	2015
L-Irlanda	3 000
Il-Greċja	141 600
Spanja	584 919
Franza	1 095 321
Il-Kroazja	27 560
L-Italja	429 224
Ċipru	4 000
Il-Latvja	27 157
Il-Litwanja	62 684
Il-Lussemburgu	160
L-Ungerija	201 862
Malta	3 000
In-Netherlands	3 500
L-Awstrija	14 554
Il-Polonja	506 791
Il-Portugall	117 535
Ir-Rumanija	219 064
Is-Slovenja	20 698
Is-Slovakkja	56 970
Il-Finlandja	104 667
L-Iżvezja	90 596
Ir-Renju Unit	52 600